# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 17 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 38.**
**Rikors Nru. 2134/99 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Michael VELLA f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta' JAMMS LIMITED.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-5 t'Ottubru, 1999, tal-Bank rikorrent flimkien mad-Dokument mehmuz mieghu;

Rat ir-Risposta tal-intimat tal-25 ta' Mejju, 2000 (pagna 25 tal-process);

Rat in-Nota tal-Bank rikorrenti tad-29 t'Awissu, 2000, u d-Dokumenti mehmuzin maghha (pagni 27 sa 47 tal-process);

Semghet ix-xiehda tal-Bank rikorrent;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-Bank rikorrent;

Rat id-Degriet taghha tal-11 ta’ Jannar, 2001, li bih halliet ir-Rikors ghal-lum ghall-provvediment;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

***Ikkunsidrat:***

Illi fis-sewwa, l-intimat m’huwiex qieghed jikkontesta li huwa debitur tal-Bank rikorrent: huwa jillimita t-twegiba tieghu ghall-htiega li ssir verifika preciza tal-kontijiet relattivi;

Illi l-Bank rikorrent qieghed jivvanta t-titolu esekuttiv tieghu fuq il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu favurih min-naha kemm tal-intimat personalment u kif ukoll min-naha tal-intimat f’isem is-Socjeta’ intimata liema att igib id-data tat-12 ta’ Jannar, 1990 (Dok “A” f’pagni 3 u 4 tal-process);

F’dak l-att, id-debitu shih dovut lill-Bank jammonta ghal tlieta u disghin elf, tlett mija u sebgha u sittin liri maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm93,367.95) u dan johrog mill-imsemmi att nutarili;

Mill-provi mressqa mill-Bank waqt is-smigh tar-rikors u kif dokumentati b’Nota u ghadd ta’ dokumenti, jirrisulta li llum l-intimat proprju u f’isem is-Socjeta’ intimata sal-ahhar ta’ Settembru, 2000, kellhom jaghtu lill-Bank mitejn u hdax-il elf tliet mija u hamsa u sittin lira maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm211,365.42) bejniethom;

Ghalkemm dawn il-provi ilhom fil-process bosta xhur, l-intimat ma ikkontestahomx jew imqar ressaq xi lment dwarhom;

Minbarra dan, naqas li jidher u jixhed meta msejjah fl-udjenza mhollija apposta ghall-provi tieghu;

Illi certament, l-ammonti dovuti lill-Bank sa Settembru, 2000, jisbqu bil-bosta l-ammont kanonizzat fl-imsemmi att nutarili esekuttiv, u dan wahdu huwa raguni xierqa li ghaliha t-talba tal-istess Bank biex tirrendi mill-gdid l-imsemmi att esekuttiv tigi milqugha;

Rat l-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti **tilqa' t-talba tal-Bank of Valletta p.l.c**. tiddikjara lill-intimat proprio et nomine debitur tieghu fl-ammont imsemmi fir-rikors, u tawtorizza lill-Bank sabiex jesegwixxi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-12 ta' Jannar, 1990, fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza skond il-ligi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri mill-ewwel (1) t'Ottubru, 2000, fuq l-imsemmija somma sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-intimat fil-kwalita' tieghu premessa.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF.**
**17 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Jannar, 2001.**

*17 ta' Jannar, 2001.*